*U l-imħallef ħasel idu,*
*l-avukat daħħal il-flus,*
*ir-"reporter" telaq jgħaġġel*
*biex iħażżeż aktar vrus.*

*. . . . U fiċ-ċella*
*fl-akbar skiet,*
*qalb miġugħa,*
*niedma, bkiet.*

CARMEL CALLEJA

## II

## MEWT QALB L-GHERIEN

*Meta s-seqer jissiefaq f'Għex-il-Ħida,*
*u r-riħ jiksilha għajnejha*
*bil-qilla,*
*u nifisha jissamma'*
*għall qlugħ jissajja fil-baħar bla stilla;*
*Meta l-moħħ jiddallam*
*u l-musbieħ tal-fuħħar jintefa,*
*u subgħajja joborxu l-ħjerolifiċi f'ħitan*
*Altamira,*
*u ħsiebha jirrakkma xfar għajnejja*
*bi swaba' jiżżerżqu fil-fakra*
*t-triqat minsija ta' xuxitha*
*mfewħa bil-balzmu u ċedri fl-imsieraħ*
*ġo beraħ il-bieraħ*
*fil-għodwa li f'Eden insteraq Adam,*

*Nersaq inħares,*

*fil-mera ta' nkejja bix-xabla li tilma*
*lejn wiċċna jiċċaqlaq fl-għadira*
*jsejjaħli mbissem taħt l-ilma;*
*u r-riefnu li tiela mill-baħar ta' issa*
*jiksilha għajnejha u jkiddli xufftejja,*
*sa nieqaf nissamma'*
*għall-għajta ta' seqer il-qilla*
*li tidwi fl-għerien*

*X'imkien*

*fis-skiet t'Għex-il-Ħida.*

*Minflok*

*nisma' tifel li jitlob,*
*il-bogħod fin-nofs dawl tal-lampier,*
*u t-talba li tasal sa ħdejja*
*mal-mirra u l-bħajr taċ-ċensier*
*tmellisli bil-ħniena xufftejja*
*sa nitlef il-qilla f'għajnejja*
*u ntenni*
*"Mulejja"*
*mar-riħ li jiksili għajnejja.*

DANIEL MASSA

III

## FIL-MISRAĦ

*Fil-misraħ antik u wesgħan,*
*Fit-tebqa bejn il-jum u l-lejl,*
*Ġeġwiġija bħal passa ġamiem apriljan*
*Għajnejn iħarsu ċass fix-xejn.*

*Ċappa għajnejn, ġeġwiġija għajnejn*
*(Fatati imlefilfin)*
*Iħarsu ċass . . . 'il fejn?*

*Iħarsu fil-baħħ ta' quddiemhom,*
*Fil-beraħ tal-lum,*
*Fil-baħar ta' għada,*
*Ilkoll imberqin,*
*Ilkoll ħerqanin,*
*Ilkoll jistennew tiġri xi ħaġa*
*— 'ma meta se tiġri xi ħaġa?*

*F'kull wiċċ għajjien għajnejn jittewbu t-tnejn.*

*Uff! Għaliex qatt ma jiġri xejn?*

VICTOR FENECH